II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Lulju 2008

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

(2008/805/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 57(2), 71, 80(2), 133(1), 133(5) u (6) u 181 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal strumenti ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi ta' l-AKP.

(2) Dawn in-negozjati ġew konklużi u l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM (li jinkludu Antigwa u Barbuda, il-Commonwealth tal-Baħamas, il-Barbados, il-Beliże, il-Commonwealth ta' Dominika, ir-Repubblika Dominikana, il-Grenada, ir-Repubblika tal-Gujana, ir-Repubblika ta' Ħaiti, il-Ġamajka, Saint Christopher u Nevis, Santa Luċija, Saint Vincent u l-Grenadini, ir-Repubblika tas-Surinam u r-Repubblika ta' Trinidad u Tobago), minn Naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-Naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim") ġie inizjalat fis-16 ta' Diċembru 2007.

(3) Skond l-Artikolu 243(4) tal-Ftehim, ċerti elementi tal-Ftehim ġew applikati abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 ta' l-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ([1]).

(4) L-Artikolu 243(3) tal-Ftehim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu sakemm dan jidħol fis-seħħ.

(5) Il-Ftehim għandu jkun iffirmat f'isem il-Komunità u applikat, għal dak li jikkonċerna l-elementi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità, fuq bażi provviżorja soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(6) Il-Ftehim m'għandux ifittex li jeffettwa d-drittijiet ta' investituri ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li jibbenefikaw minn kwalunkwe trattament aktar favorevoli previst fi kwalunkwe ftehim relatat ma' investiment li tiegħu Stat Membru u Stat tal-CARIFORUM huma Partijiet. L-Istati Membri jistgħu jżommu u jikkonkludu strumenti ta' ftehim bħal dawn sakemm ikunu konformi mal-liġi Komunitarja,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, soġġett għall-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni li għandha titħeħed mill-Komunità fil-Kunsill konġunt CARIFORUM-KE u l-Kumitat tal-Kummerċ u ta' l-Iżvilupp CARIFORUM-KE għandha tkun determinata mill-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattat.

([1]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

2. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 228(4) tal-Ftehim, il-President tal-Kunsill u Membru tal-Kummissjoni għandhom flimkien jippresjedu l-Presidenza ta' rotazzjoni tal-Kunsill Konġunt CARIFORUM-KE u jippreżentaw il-pożizzjoni tal-Komunità skond it-Trattat. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 230(2) tal-Ftehim, rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresjedi l-Presidenza ta' rotazzjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ u ta' l-Iżvilupp CARIFORUM-KE u jippreżenta l-pożizzjoni tal-Komunità.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i mogħtija l-poter li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Għal dak li jikkonċerna l-elementi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja kif previst fl-Artikolu 243(3) tal-Ftehim, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż li jagħti tagħrif dwar id-data ta' l-applikazzjoni provviżorja.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Lulju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARNIER